

Brussell, 2 ta' Lulju 2024  
(OR. en)

11132/24

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0008(COD)

---

CODEC 1521  
SOC 474  
STATIS 78  
PE 184

## NOTA TA' INFORMAZZJONI

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013 - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, mit-22 sal-25 ta' April 2024)

---

## I. INTRODUEZZJONI

Ir-rapporteur, Irena JOVEVA (RE, SI), ippreżentat rapport dwar il-proposta msemmija hawn fuq għal Regolament fisem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) li kien fih 55 emenda (l-emendi 1 sa 55) għall-proposta.

Barra minn hekk, il-gruppi Renew, S&D, PPE u Ħodor/ALE ressq emenda waħda (l-emenda 56) u l-Grupp tax-Xellug ressq żewġ emendi (l-emendi 57 u 58).

## II. VOT

Meta vvutat fl-24 ta' April 2024, il-plenarja tal-Parlament Ewropew adottat l-emenda 56 għall-proposta għal Regolament. Ma ġiet adottata l-ebda emenda oħra.

Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tidher fl-Anness ta' dan id-dokument.\*

---

---

\* L-ifformattjar tal-verzjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verzjoni EN.

**P9\_TA(2024)0361**

## **L-istatistika dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' April 2024 Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013 (COM(2023)0031 – C9-0010/2023 – 2023/0008(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0031),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0010/2023),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-27 ta' April 2023<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0284/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  1. Jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> ĠU C 228, 29.6.2023, p. 148.

## Emenda 56

EMENDI MILL-PARLAMENT EWROPEW\*

għall-proposta tal-Kummissjoni

---

2023/0008 (COD)

Proposta għal

### **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

---

\* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ■ .

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>2</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni ***tiżvolġi rwol ċentrali fil-proċessi tat-tfassil tal-politika u tat-teħid ta' deċiżjonijiet u, bħala tali***, hi meħtieġa għat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jindirizzaw it-tibdil demografiku, it-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, ***il-qafas għall-promozzjoni*** tal-effiċjenza enerġetika, il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, ***l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali*** u l-kisba tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) ***sa fejn dawn jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***.
- (2) L-istatistika dwar il-popolazzjoni hi denominatur importanti għal firxa wiesgħa ta' indikaturi ta' politika u tintuża bħala referenza fl-istatistika Ewropea kollha, b'mod partikolari biex jingħataw oqfsa tal-kampjunar għal stħarriġiet rappreżentattivi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi, skont ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>.
- (3) Il-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji sikwit jagħti mandat lill-Kumitat tal-Politika Ekonomika biex jevalwa s-sostenibbiltà fit-tul u l-kwalità tal-finanzi pubbliċi skont il-projezzjonijiet tal-popolazzjoni magħmulin mill-Eurostat. Il-projezzjonijiet tal-popolazzjoni jintużaw ukoll għall-analiżi tal-politika fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-istatistika kollha li teħtieġ biex tipproduċi u tippubblika projezzjonijiet tal-popolazzjoni skont il-ħtiġijiet tal-informazzjoni tal-Unjoni.

<sup>1</sup> ĠU C 228, 29.6.2023, p. 148.

<sup>2</sup> ĠU C , , p. .

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jstabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1).

- (4) Skont l-Artikolu 175(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kull tliet snin il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar il-progress li jkun sar fil-kisba tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Id-data reġionali u lokali inkluż għal tipi territorjali differenti bħar-regġuni tal-fruntieri, il-bliet u ż-żoni urbani funzjonali tagħhom, ir-regġuni metropolitani, ir-regġuni rurali, ir-regġuni muntanjużi u tal-gżejjer hija meħtieġa għat-tħejjija ta' dawk ir-rapporti u għall-monitoraġġ regolari tal-iżviluppi demografiċi u tal-isfidi demografiċi futuri possibbli fit-territorju tal-Unjoni.
- (5) Skont l-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), maġġoranza kwalifikata tal-membri tal-Kunsill għandha tkun definita inter alia fuq il-bażi tal-popolazzjoni tal-Istati Membri. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>, l-Istati Membri bħalissa huma obbligati jipprovdu data lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar il-popolazzjoni totali fil-livell nazzjonali.
- (6) Fl-2017, il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) approva l-Memorandum ta' Budapest li ddikjara l-ħtieġa ta' statistika annwali dwar id-daqs u dwar ċerti karatteristiċi soċjali, ekonomiċi u demografiċi tal-popolazzjoni u għal statistika aħjar dwar il-migrazzjoni. Għall-osservanza tal-prinċipji tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini tagħha fl-attivitajiet kollha u d-drittijiet taċ-ċittadini kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea<sup>23</sup> u fl-Artikoli 10 u 19 tat-TFUE, u ***għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-progress favur l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***, l-Unjoni teħtieġ statistika affidabbli u komparabbli. Ir-Regolament (UE) 2019/1700 jipprovdi qafas għall-ġbir tad-data minn kampjuni li jippermettu l-ġbir tad-data dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni sa fejn dan ikun fattibbli mill-kampjuni u biex jiġu analizzati xi aspetti tal-ugwaljanza u tad-diskriminazzjoni billi jinħolqu indikaturi soċjoekonomiċi u informazzjoni dwar l-esperjenza tad-diskriminazzjoni. Minbarra dan, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) iwettqu studji speċifiċi u stħarriġiet apposta li jistgħu jkomplu jestendu d-disponibbiltà tal-istatistika dwar l-ugwaljanza fil-livell ***tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) tipprovdi data u informazzjoni miġbura permezz ta' stħarriġiet dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol.*** Il-

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar statistika demografika Ewropea (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 39).

kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni (Eurostat)) u dawk l-aġenziji jenħtieġ li jissaħħu aktar biex jissodisfaw id-domandi dejjem akbar tal-utenti għal data affidabbli u komprensiva dwar l-ugwaljanza u d-diversità fl-Unjoni.

- (6a) ***Il-Memorandum ta' Budapest jappella wkoll għal statistika mtejba dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' definizzjonijiet komuni relatati mal-popolazzjoni u l-migrazzjoni, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu stabbiliti kunċetti u definizzjonijiet li huma statistikament sodi, rilevanti u applikabbli fid-dawl tat-tipi emerġenti ta' migrazzjoni. L-avvenimenti tal-passat u li għadhom għaddejjin, bħall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u, il-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u kriżijiet umanitarji oħra jissottolinjaw l-importanza ta' statistika f'waqtha u dettaljata dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali, li huma essenzjali biex tiġi stabbilita ħarsa ġenerali lejn il-flussi migratorji lejn l-Unjoni, fiha u minnha.***
- (7) Biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' politiki effettivi jeħtieġu statistika aħjar dwar l-użu u l-effiċjenza tal-enerġija fl-akkomodazzjonijiet, data ġeografika dettaljata dwar id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni, u studji aktar profondi tar-relazzjoni bejn il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni. Il-pandemija tal-COVID-19 ħarġet fid-dieher il-ħtieġa ta' statistika affidabbli, frekwenti ħafna u fil-ħin dwar l-imwiet fl-Unjoni. Filwaqt li l-ħtiġijiet tad-data ntlaħqu bil-ġbir volontarju tad-data mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat), l-Unjoni teħtieġ mekkaniżmu xieraq għal ġbir obbligatorju ta' dik id-data permezz tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) ***soġġetti għall-frekwenza***, it-tempestività u d-dettall meħtieġa.
- (7a) ***Sabiex timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, tal-miri ewlenin tal-Pjan ta' Azzjoni relatat u tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal fil-livell nazzjonali u sabiex tivvaluta l-effett distributtiv tat-tibdil fil-klima u tal-politiki b'mod ġenerali, l-Unjoni teħtieġ mekkaniżmu adegwat għall-ġbir obbligatorju ta' tali data fi ħdan l-ESS, soġġetti għall-frekwenza, it-tempestività u d-dettall meħtieġa.***
- (8) Kull għaxar snin, il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU, wara proposta mill-Kummissjoni tal-Istatistika tan-NU, jadotta risoluzzjonijiet dwar iċ-Ċensiment Dinji tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni u jistieden lill-pajjiżi membri tan-NU biex iwettqu ċensimenti tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni skont rakkomandazzjonijiet

internazzjonali u reġjonali u billi jħaddmu l-integrità, l-affidabbiltà, l-eżattezza u l-valur tar-riżultati taċ-ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni. L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tqis dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

- (9) ***Is-simplifikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv huma objettiv ċentrali tal-Kummissjoni. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2023 bit-titolu "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030" għandu l-għan li jirrazzjonalizza u jissimplifika r-rekwiżiti ta' rapportar b'25 % għall-impreżi u l-amministrazzjonijiet, filwaqt li ma jimminax l-objettivi ta' politika relatati.*** Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup> stabbilixxa qafas legali għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika Ewropea, abbażi ta' prinċipji statistiċi komuni. Dak ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji ta' kwalità u jirreferi għall-ħtieġa li jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż tar-rispons minn fuq ir-rispondenti tal-istħarriġ u li jingħata kontribut għall-objettiv aktar ġenerali ta' tnaqqis tal-piż amministrattiv. Qafas legali ġdid għall-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li jkun jimplimenta ***u jibni fuq il-kriterji*** ta' kwalità stabbiliti f'dak ir-Regolament u ***jnaqqas il-piż amministrattiv*** billi jaċċetta l-użu mill-ġdid effettiv u effiċjenti tas-sorsi tad-data disponibbli, inkluż id-data amministrattiva.
- (10) L-evalwazzjoni tal-istatistika eżistenti<sup>6</sup> dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni fl-Unjoni, l-istatistika dwar il-flussi migratorji internazzjonali, l-istokkijiet migratorji, u l-istatistika dwar il-kisbiet taċ-ċittadinanza u dwar id-demografija wriet li l-qafas legali attwali li jinkludi r-Regolamenti (KE) Nru 862/2007<sup>7</sup>, (KE) Nru 763/2008<sup>8</sup> u (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill wassal għal titjib ġenerali sinifikanti fl-istatistika meta mqabbel mas-sitwazzjoni tal-2005 meta l-qafas

<sup>5</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

<sup>6</sup> SWD(2023)13.

<sup>7</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 311/76 dwar il-kumpilazzjoni ta' statistika dwar ħaddiema barranin (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 23).

<sup>8</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 14).



legali attwali ma kienx fis-seħħ. Madankollu, dak il-qafas għandu l-potenzjal ta' nuqqas ta' konsistenza u komparabbiltà, li jenħtieġ li jiġi indirizzat.

- (11) ***It-tibdil fil-klima, it-trasformazzjoni diġitali***, is-sitwazzjoni demografika li qed tevolve u x-xejriet riċenti tal-migrazzjoni ħolqu talbiet għal statistika Ewropea aktar fil-ħin, aktar frekwenti u aktar dettaljata dwar il-popolazzjoni, ***l-iżviluppi soċjoekonomiċi***, avvenimenti vitali u l-akkomodazzjoni, inkluż dettalji ta' suġġetti jew gruppi li saru rilevanti politikament u soċjalment fl-aħħar deċennju. Minbarra dan, il-qafas legali eżistenti mhux flessibbli biżżejjed biex jadatta għall-ħtiġijiet evolventi tal-politika u biex jippermetti l-użu ta' sorsi ġodda fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-istruttura tal-qafas legali eżistenti fil-forma ta' tliet regolamenti separati, adottati fi żminijiet differenti, ikkawżat inkonsistenzi intrinġiċi fl-istatistika. Fl-aħħar nett, billi r-Regolament (UE) Nru 1260/2013 se jieqaf japplika fil-31 ta' Awwissu 2028, hemm bżonn bażi ġuridika ġdida għall-istatistika demografika miġbura skont dak ir-Regolament. Għalhekk, il-qafas legali attwali jeħtieġ jinbidel b'wieħed ġdid, aktar konsistenti u flessibbli li jenħtieġ li jemenda l-partijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013.
- (12) L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 ikopri l-istatistika dwar il-pajjiż taċ-ċittadinanza u l-post tat-twelid tal-popolazzjoni residenti (stokkijiet migratorji), dwar il-bidliet tar-residenza bejn il-pajjiżi (flussi migratorji internazzjonali) u dwar il-kisbiet taċ-ċittadinanza tal-popolazzjoni residenti, filwaqt li l-istatistika l-oħra skont dak ir-Regolament tikkonċerna l-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji relatati mal-leġiżlazzjoni tal-immigrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali. Għalhekk, l-istatistika kif imsemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament hija marbuta mill-qrib u jenħtieġ li tkun konsistenti mal-istatistika dwar il-popolazzjoni residenti u l-bidliet demografiċi tagħha prevista skont ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013. Għaldaqstant, biex tkun żgurata l-konsistenza intrinsika, dik l-istatistika jenħtieġ li tiġi integrata f'bażi legali waħda u jiħassar l-Artikolu 3 mir-Regolament (KE) Nru 862/2007.
- (13) In-natura li qed tinbidel malajr ta' xi karatteristiċi tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari fejn jidħlu ċerti fenomeni demografiċi, soċjoekonomiċi u migratorji, u l-ħtieġa korrispondenti li l-politiki jiġu mmirati u adattati fil-pront t'fisser li l-istatistika jeħtieġ tkun disponibbli fil-ħin, minnufih wara l-perjodu ta' referenza. Għalhekk jenħtieġ li jsir avvanz tanġibbli fil-perjodiċità u fit-tempestività tal-istatistika, ***fejn ikun possibbli permezz tal-użu ta' data amministrattiva u rekords amministrattivi. Għal dak il-għan, l-***

***Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu riżorsi adegwati għall-istituti nazzjonali tal-istatistika tagħhom.***

- (14) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>9</sup> jistabbilixxi metodoloġija abbażi tal-grilja għad-definizzjoni ta' tipoloġiji territorjali bbażati fuq id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni f'ċelloli tal-grilja ta' kilometru kwadru. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1799<sup>10</sup> bħala azzjoni statistika diretta temporanja li takkumpanja ċ-ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni tal-2021 jipprevedi eżiti ewlenin taċ-ċensiment dwar grilja pan-Ewropea ta' kilometru kwadru. Jenħtieġ li l-qafas legali jiżgura d-disseminazzjoni kontinwa ta' statistika dwar il-popolazzjoni ġeoreferenzjata abbażi tal-grilji, u li jkun jista' jiġi estiż għall-istatistika dwar l-akkomodazzjoni.
- (15) L-unitajiet territorjali u l-grilji tal-istatistika jenħtieġ li jiġu definiti skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003.
- (16) Għall-ġeokodifikazzjoni tal-pożizzjoni, jenħtieġ li tintuża t-tema tal-Unitajiet Statistiċi f'konformità mal-Anness III tad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>11</sup>.
- (17) Il-qafas legali attwali għal statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jeħtieġ li jiġi aġġornat biex ikun żgurat li l-proċessi statistiċi attwalment separati jiġu integrati kif xieraq f'qafas komuni li jippermetti lill-ESS tirrispondi b'mod effettiv għall-ħtiġijiet ġodda tal-informazzjoni tal-Unjoni, u li jħeġġeġ l-innovazzjonijiet statistiċi. Iridu jittejjbu l-eżiti statistiċi ħalli jibqgħu rilevanti fid-dawl tal-bidliet ***u l-isfidi*** demografiċi, migratorji, soċjali u ekonomiċi, ***u appoġġ għat-tfassil tal-politika u għat-teħid tad-deċiżjonijiet.***
- (18) L-istatistika regolari (annwali u infrannwali) mtejba dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni msejsa fuq sorsi amministrattivi, jenħtieġ li tiġi kkumplementata b'informazzjoni minn ċensimenti kkoordinati tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni fl-Unjoni li jsiru kull għaxar snin skont il-prinċipji u r-rakkomandazzjonijiet tan-NU. Daqstant importanti, iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni huma

---

<sup>9</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

<sup>10</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1799 tal-21 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment ta' azzjoni statistika diretta temporanja għad-disseminazzjoni ta' suġġetti magħżula taċ-ċensiment tal-popolazzjoni u tad-djar tal-2021 ġeokodifikat fuq grilja ta' 1 km<sup>2</sup> (ĠU L 296, 22.11.2018, p. 19).

<sup>11</sup> Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infomazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

opportunità unika biex l-istatistika uffiċjali tkun viżibbli, kemm mil-lat ta' operazzjonijiet u anki mil-lat ta' riżultati.

- (19) Iċ-ċensimenti tal-Unjoni jenħtieġ li jsiru aktar kosteffettivi billi jintuża bis-sħiħ is-sett rikk ta' data amministrattiva disponibbli fl-Istati Membri jew taħlita ta' sorsi differenti, fosthom sorsi relatati mal-internet tal-oġġetti u l-forniment tas-servizzi diġitali **abbażi tal-konklużjoni ta' protokollu bejn l-istituti nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri u l-fornituri ta' data minn bażijiet ta' data privati**. Jenħtieġ li **jirrispettaw il-privatezza tad-data personali billi jistabbilixxu s-salvagwardji meħtieġa għall-ġbir tad-data personali biex jiġi evitat kwalunkwe użu ħażin potenzjali u jiġu ggarantiti d-drittijiet fundamentali**. **Jenħtieġ li jintużaw ukoll** biex terġa' tiġi stabbilita l-linja bażi demografika, u biex l-istħarriġiet dwar il-kopertura tas-sorsi tad-data amministrattiva jiġu inklużi.
- (20) L-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess sostenibbli għall-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' sorsi tad-data biex jipproduċu statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni ta' kwalità għolja u b'mod kosteffettiv. F'dan ir-rigward, hu kruċjali li l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jiksbu aċċess fil-ħin u jkunu **jistgħu** jużaw fil-pront id-data amministrattiva li tkun proprjetà tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, f'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Pereżempju, l-istatistika dwar l-effiċjenza enerġetika tal-bini tista' tissejjes fuq data amministrattiva relatata mal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-enerġija tal-bini skont id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12</sup>. **L-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jenħtieġ li jkunu jistgħu jerġgħu jużaw bis-sħiħ, b'mod regolari u f'waqtu, data amministrattiva mill-bażijiet tad-data interoperabbli għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija li huma disponibbli fil-livell nazzjonali skont id-Direttiva .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>13</sup>**. **L-awtoritajiet** nazzjonali tal-istatistika jeħtieġ ikunu involuti wkoll fid-deċiżjonijiet dwar it-tfassil u l-iżvilupp mill-ġdid tas-sorsi tad-data amministrattiva rilevanti ħalli jkun żgurat li dawn ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali.

<sup>12</sup> Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

<sup>13</sup> Id-Direttiva (UE).../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (riformulazzjoni) (ĠU L, ..., ELI: ...).

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument (2021/0426(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu, ir-referenza tal-ĠU u l-ELI ta' dik id-Direttiva fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

- (21) Fl-aħħar snin, inħolqu bażijiet tad-data komprensivi fil-livell tal-Unjoni u sistemi tal-interoperabbiltà relatati mar-residenza, l-avvenimenti vitali, iċ-ċittadinanza u l-movimenti migratorji u transfruntieri tal-popolazzjoni bħal dawk stabbiliti skont ir-Regolamenti (UE) Nru 910/2014<sup>14</sup>, (UE) 2018/1724<sup>15</sup>, (UE) 2019/817<sup>16</sup> u (UE) 2019/818<sup>17</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dawn jipprovdu informazzjoni utli li tista' terġa' tintuża għall-kompilazzjoni u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni.
- (22) F'dak ir-rigward, hu essenzjali li l-Kummissjoni (Eurostat) tkun tista' tuża mill-ġdid dik id-data għal finijiet statistiċi biss soġġetta għall-applikazzjoni b'mod strett tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza tad-data skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>18</sup>. Dan jenħtieġ li jkun japplika b'mod partikolari għad-data statistika maħżuna fir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS) f'konformità mal-għan tas-CRRS stabbilit fl-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) 2019/817 u fl-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) 2019/818, u f'konformità mar-Regolamenti li jistabbilixxu s-sistemi li d-data statistika tagħhom tinħażen fis-CRRS. B'mod partikolari, meta jitqies li s-CRRS għandu jipprovdi data statistika u rapportar analitiku transsettorjali għall-finijiet ta' politika, operazzjonali u ta' kwalità tad-data, il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li tikkoopera mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-

---

<sup>14</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

<sup>15</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726, u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27.

<sup>17</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

<sup>18</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi, mill-uffiċċji u mill-aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu tat-tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fil-Qasam tal-Libertà, tas-Sigurtà u tal-Ġustizzja (eu-LISA), sa fejn ikun possibbli, biex tingħata l-istatistika Ewropea meħtieġa.

- (23) Data miżmuma privatament *tirreferi għall-ammont vast ta' data miżmuma minn entitajiet privati miksuba bħala riżultat tal-attività tagħhom, li tkun tista' tintuża mill-awtoritajiet tal-istatistika u mill-Kummissjoni (Eurostat) biex jipproduċu statistika uffiċjali. Din id-data* tista' ttejjeb il-kopertura, it-tempestività u l-kapaċitajiet tar-rispons għall-kriżijiet tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, jew tippermetti l-innovazzjoni statistika. Din id-data għandha l-potenzjal li tikkomplimenta l-istatistika eżistenti dwar id-demografija u l-migrazzjoni, tikseb l-innovazzjoni statistika, u tgħin fil-produzzjoni ta' stimuli bikrija *filwaqt li tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet tad-detenturi tad-data*. L-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess għal dik id-data u jużawha *u jikkooperaw mad-detenturi privati tad-data f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009*.
- (24) Biex tkun żgurata l-komparabbiltà tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni fil-livell tal-Unjoni, hu essenzjali li jintużaw id-definizzjonijiet komuni tal-popolazzjoni u jiġu implimentati b'mod armonizzat. Biex il-bażi armonizzata unika tal-popolazzjoni tiġi implimentata b'mod konsistenti, sod u kosteffettiv filwaqt li jkunu żgurati riżultati fil-ħin, jeħtieġ li jiġu applikati ċerti *metodi statistiċi u tekniki tal-immudellar ibbażati fuq ix-xjenza* bħas-"sinjali tal-ħajja", *meta dan ikun xieraq*.
- (25) L-Istati Membri jenħtieġ li jibagħtu d-data u l-metadata tagħhom b'mod elettroniku u bil-format tekniku xieraq li se tipprovdi l-Kummissjoni (Eurostat). Jenħtieġ li jintużaw l-istandards internazzjonali, bħall-inizjattiva tal-Iskambju tad-Data u tal-Metadata tal-Istatistika, u l-istandards tekniċi jew tal-istatistika elaborati fl-Unjoni, bħall-istandards tal-metadata u tal-validazzjoni jew il-prinċipji tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà, sa fejn ikun rilevanti għall-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni. L-ESSC approva l-istandards tal-ESS għall-metadata u r-rapporti tal-kwalità, f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dawk l-istandards iridu jikkontribwixxu għall-armonizzazzjoni tal-assigurazzjoni tal-kwalità u tar-rapportar skont dan ir-Regolament, u għalhekk jenħtieġ li jiġu introdotti.
- (26) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tkun tissodisfa l-kriterji tal-kwalità b'rabta mar-rilevanza, l-eżattezza, it-tempestività u l-puntwalità, l-aċċessibbiltà u l-ċarezza, il-komparabbiltà u l-koerenza speċifikati fir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Il-kwalità tagħhom jenħtieġ li tiżdied sa fejn jevolvu l-ħtiġijiet tal-Unjoni, *u*

*jenħtieġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmi biex jindirizzaw sitwazzjonijiet possibbli fejn il-kwalità tad-data ma tkunx iggarantita.* Ir-riżultati xierqa tal-valutazzjoni tal-kwalità mwettqa mill-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkunu disponibbli pubblikament għall-utenti tal-istatistika *billi jiġi żgurat aċċess bla ħlas u faċli għal din l-istatistika* mill-bażijiet tad-data tal-Kummissjoni (Eurostat) fuq is-sit web tagħha u fil-pubblikazzjonijiet tagħha.

- (26a) *L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tindirizza n-nuqqas persistenti ta' data dwar il-gruppi vulnerabbli, jiġifieri gruppi tal-popolazzjoni li huma diffiċli biex jintlaħqu, bħall-persuni residenti f'istituzzjonijiet (pereżempju istituzzjonijiet militari, istituzzjonijiet korrettivi u penali, dormitorji ta' skejjel u universitajiet, istituzzjonijiet reliġjużi, sptarijiet, ċentri tal-kura residenzjali, istituzzjonijiet għall-persuni b'diżabilità u orfanatrofji), il-persuni li għandhom 75+ sena, il-persuni b'diżabilità, il-persuni mingħajr dar, il-persuni bi sfond ta' migrazzjoni u l-persuni mingħajr Stat. Sabiex inaqqsu din id-diskrepanza fid-data u jipprevjenu l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi li jirriżultaw minnha, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw strateġiji u soluzzjonijiet immirati għall-ġbir ta' data dwar gruppi tal-popolazzjoni li huma diffiċli biex jintlaħqu, b'mod partikolari fir-rigward tas-sejba, l-ikkuntattjar, il-perswazzjoni u l-intervistar ta' popolazzjonijiet li huma diffiċli biex jintlaħqu u l-kuntatt magħhom.*
- (26a) *Politiki adegwati, f'waqthom u effettivi jippreżupponu data affidabbli u komparabbli, diżaggregata skont il-ġeneru, l-età u, meta rilevanti, in-nazzjonalità, l-istatus soċjoekonomiku, iż-żona ġeografika, u karatteristiċi oħra f'konformità mal-prinċipji statistiċi stabbiliti fl-Artikolu 338(1) tat-TFUE u fil-Kodiċi ta' prattika tal-Istatistika Ewropea u l-Qafas ta' assigurazzjoni tal-Kwalità tal-ESS. Dik id-data hija rilevanti biex wieħed jifhem aħjar ix-xejriet tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni, tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni intersezzjonali u jiġu implimentati u vvalutati l-politiki, l-oġġettivi politiċi u l-azzjonijiet tal-Unjoni, bħall-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Garanzija Ewropea għat-Tfal, l-Istrateġija Ewropea għall-Kura, l-Istrateġija Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà u l-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Kondizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar, li kollha jiddependu ħafna minn data dwar l-unitajiet domestiċi u l-familji. Id-diżaggregazzjoni tal-istatistika skont id-diżabbiltà jenħtieġ li tiġi mħeġġa bl-użu ta' sorsi ta' data amministrattivi eżistenti u ġodda, li jenħtieġ li jiġu ingranati biex tiġi esplorata l-inklużjoni tad-diżabbiltà. Il-ġbir u l-użu ta' tali data jrid jitwettaq b'rispett sħiħ tal-istandards tal-Unjoni u daww nazzjonali dwar il-privatezza u d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari meta jinvolvi data dwar il-minorenni. Id-diżaggregazzjoni skont il-ġeneru jenħtieġ li tirrifletti d-data disponibbli fl-Istati Membri. F'xi Stati Membri, bħalissa huwa possibbli li persuni jirreġistraw*

***legalment li għandhom it-tielet ġeneru, li spiss ikun ġeneru newtrali. Dan ir-Regolament ma jaffettwax ir-regoli nazzjonali rilevanti li jagħtu effett lil tali reġistrazzjoni.***

- (27) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jinkludi regoli dwar il-forniment tad-data mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat) u dwar l-użu ta' din id-data, inkluż dwar it-trażmissjoni u l-protezzjoni tad-data kunfidenzjali. Il-miżuri meħuda f'konformità ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżguraw li d-data kunfidenzjali tingħata u tintuża esklużivament għall-finijiet tal-istatistika f'konformità mal-Artikoli 21 u 22 ta' dak ir-Regolament.
- (28) Il-Kummissjoni (Eurostat) trid tirrispetta l-kunfidenzjalità statistika tad-data mogħtija mill-Istati Membri skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Rigward l-istatistika dwar il-popolazzjoni miġbura skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jinħoloq approċċ armonizzat li jiżgura kwalità għolja tal-aggregati Ewropej, jevita l-iżvelar tad-data kunfidenzjali fl-eżiti statistiċi, u jevita kemm jista' jkun is-soppressjoni tad-data.
- (29) Is-sorsi tad-data disponibbli fil-livell nazzjonali mhux dejjem ikunu jistgħu jaqdbu eżattament il-fenomeni relatati mal-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni, l-aċċess tal-persuni għas-servizzi transfruntiera dwar avvenimenti vitali demografiċi u l-eżerċitar tad-drittijiet tal-persuni li jixtru u li jkun sidien tal-akkomodazzjoni tagħhom stess użata bħala akkomodazzjoni primarja, villeġġjatura u sekondarja fl-Unjoni. Hemm ukoll **diskrepanzi** fil-flussi migratorji bilaterali u diffikultajiet biex jitkejlu l-gruppi tal-popolazzjoni, pereżempju fost il-popolazzjoni migranti, mingħajr saqaf jew mingħajr Stat. Għalhekk jenħtieġ li tissaħħaħ il-kondiviżjoni tad-data għall-finijiet tal-kompilazzjoni tal-istatistika dwar il-popolazzjoni u l-migrazzjoni, tkun żgurata l-kwalità tagħha, u titqies bħala sors ieħor tad-data. Din il-kondiviżjoni msaħħa tad-data tista' tkopri firxa wiesgħa tad-data rilevanti, minn data li b'mod ċar ma tippermettix l-identifikazzjoni tal-unitajiet statistiċi, direttament jew indirettament, għal data potenzjalment soġġetta għal rekwiżiti ta' kunfidenzjalità statistika. L-Istati Membri, fl-interess tagħhom stess u fl-interess tal-Istati Membri l-oħra, jenħtieġ li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-kondiviżjoni tad-data, inkluż fi proġetti pilota li jivvalutaw soluzzjonijiet siguri innovattivi. Il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li tistabbilixxi wkoll infrastruttura sigura biex tiffaċilita din il-kondiviżjoni tad-data u tiżgura s-salvagwardji meħtieġa kollha **għall-protezzjoni tad-data.**

- (31) Il-kondiviżjoni tad-data kunfidenzjali jenħtieġ li ssir biss wara talba li tiġġustifika l-ħtieġa ta' kondiviżjoni ta' **dik** id-data f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.
- (32) Fit-tul, l-isforzi kollaborattivi fl-ESS li jimmitigaw il-kwistjonijiet transfruntiera dwar il-kwalità tal-istatistika, bħad-duplikar tar-residenti tal-Unjoni li jgawdu l-libertà tal-moviment, jenħtieġ li, **pereżempju, jibbenefikaw minn identifikaturi** diġitali uniċi stabbiliti fil-livell tal-Unjoni permezz tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.

- (33) Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (UE) 2016/679<sup>19</sup> u (UE) 2018/1725 u d-Direttiva 2002/58/KE<sup>20</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom, dawn ir-Regolamenti tal-aħħar iridu japplikaw għall-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament, ***filwaqt li jitqies ukoll li d-data personali pproċessata għal finijiet statistiċi fl-interess pubbliku hija data kunfidenzjali statistika, soġġetta għall-prinċipju tal-kunfidenzjalità statistika. Għalhekk, tali data jenħtieġ li tintuża biss għal finijiet statistiċi u jenħtieġ li qatt ma tintuża għal miżuri jew deċiżjonijiet dwar kwalunkwe persuna fiżika partikolari. Jenħtieġ li data anonimizzata jew psewdonimizzata preferibbilment tintuża għall-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-arkivjar ta' data personali għal finijiet ta' statistika skont dan ir-Regolament sabiex jiġu ggarantiti s-salvagwardji kif adottati skont l-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2018/1725. Meta d-data personali tiġi pproċessata skont ir-Regolament (UE) 2016/679 jew ir-Regolament (UE) 2018/1725, jenħtieġ li jiġu applikati bis-sħiħ il-prinċipji tal-legalità, il-korrettezza, it-trasparenza u l-akkuratezza, tal-limitazzjoni tal-iskop, tal-minimizzazzjoni tad-data, tal-limitazzjoni tal-ħżin, u tal-integrità u l-kunfidenzjalità. Bl-istess mod, jenħtieġ li japplikaw ukoll il-prinċipji statistiċi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 u elaborati aktar fil-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea.***
- (34) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tevolvi biex tkun tqis il-ħtiġijiet emerġenti tad-data li joħorġu mill-prijoritajiet ta' politika li qed jinbidlu, u mill-bidliet fis-sitwazzjoni demografika, migratorja, soċjali jew ekonomika fl-Unjoni. Il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li twettaq studji pilota ***u ta' fattibbiltà*** biex tivvaluta l-fattibbiltà tal-adattamenti kkonċernati, kif xieraq, u jenħtieġ li tqis ċerti aspetti bħall-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi fuq l-Istati Membri u d-disponibbiltà ta' sorsi tad-data xierqa. ***Hija u tħejji dawk l-istudji, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura r-rappreżentattività tal-istudji fil-livell tal-Unjoni, li jirriflettu d-diversitajiet nazzjonali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa r-riżultati tal-istudji f'kooperazzjoni mal-Istati Membri.***

---

<sup>19</sup> Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

<sup>20</sup> Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).



(35) Biex jitqiesu x-xejriet demografiċi, ekonomiċi u soċjali, ***l-iżviluppi teknoloġiċi u l-ħtieġa li jiffasslu politiki mmirati tajjeb b'mod f'waqtu***, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex temenda l-lista, id-deskrizzjoni, il-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza tas-suġġetti dettaljati koperti mill-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni; biex taġġorna l-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza fl-Anness ta' dan ir-Regolament u biex tispeċifika l-informazzjoni li jridu jagħtu l-Istati Membri fuq bażi ad hoc. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>21</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(35a) ***L-importanza tal-istatistika Ewropea bħala parti essenzjali mit-teħid tad-deċiżjonijiet abbażi tal-evidenza hija riflessa fil-qafas tal-ipprogrammar u finanzjarju stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>22</sup> għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku). Jenħtieġ li l-Istati Membri jkun jistgħu japplikaw għal appoġġ finanzjarju mill-Programm tas-Suq Uniku kif ukoll mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>23</sup> f'konformità mal-objettivi u r-regoli ta' daww l-istrumenti, għall-adattament tas-sistemi nazzjonali tal-istatistika tagħhom, għat-titjib tal-metodoloġija u tal-kwalità tad-data tal-istatistika u tal-ippjanar u għall-implimentazzjoni ta' ġabriet ta' data ad hoc skont dan ir-Regolament.***

<sup>21</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

<sup>22</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, il-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-ġhalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1).

<sup>23</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Istrument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

(36) F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046<sup>24</sup>, mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>25</sup> u mar-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95<sup>26</sup>, (Euratom, KE) Nru 2185/96<sup>27</sup> u (UE) 2017/1939<sup>28</sup>, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi miżuri relatati mal-prevenzjoni, is-sejbien, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, inkluż frodi, mal-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett, u, fejn xieraq, mal-impożizzjoni ta' penali amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, biex jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għandu s-setgħa, skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, li jinvestiga u jressaq għall-prosekuzzjoni reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>29</sup>. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom) 2018/1046, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi mill-Unjoni għandha tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, għandha tagħti d-drittijiet neċessarji u l-aċċess meħtieġ lill-

<sup>24</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

<sup>25</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

<sup>26</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2988/95 tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

<sup>27</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

<sup>28</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

<sup>29</sup> Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29)

Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri parteċipanti f'kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, lill-UPPE u għandha tiżgura li kwalunkwe terza persuna involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

- (37) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament b'rabta mal-ispeċifikazzjoni tar-rekwiżiti tad-data u tal-metadata, il-formati tekniċi u l-proċeduri għall-forniment tad-data u tal-metadata, il-kontenut u l-istruttura tar-rapporti tal-kwalità, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>30</sup>.
- (38) Meta l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jew tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dan, tkun teħtieġ adattamenti kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru għal forniment tad-data b'perjodiċità inqas minn għaxar (10) snin, il-Kummissjoni jenħtieġ li, f'każijiet debitament ġustifikati u għal żmien limitat, tkun tista' tagħti derogi lill-Istati Membri kkonċernati.
- (39) Billi l-oġettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-produzzjoni sistematika ta' statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba l-konsistenza u l-komparabbiltà, jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex ***jintlaħaq dak l-oġettiv***.
- (40) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu ***fis-16 ta' Marzu 2023***.
- (41) L-ESSC ġie kkonsultat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>30</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

## Artikolu 1

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas legali komuni għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni.

## Artikolu 2

### Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "ċittadinanza" tfisser ir-rabta legali partikulari bejn persuna fiżika u l-Istat tiegħu jew tagħha, miksuba bit-twelid jew bin-naturalizzazzjoni, kemm jekk b'dikjarazzjoni, b'għażla, bi żwieġ, b'adozzjoni jew b'xi mezz ieħor *f'konformità mal-leġiżlazzjoni* nazzjonali;
- (2) "residenza abitwali" tfisser il-post fejn persuna normalment tqatta' l-perjodu tal-mistrieħ tagħha ta' kuljum, irrispettivament mill-assenzi temporanji minħabba rikreazzjoni, vaganzi, żjarat lill-ħbieb u lill-qraba, negozju, trattament mediku jew pellegrinaġġi reliġjużi. Il-persuni li ġejjin biss għandhom jitqiesu bħala residenti abitwali ta' żona ġeografika speċifika:
  - (a) dawk li għexu fil-post tar-residenza abitwali tagħhom ħafna mill-ħin fit-12-il xahar qabel u fid-data ta' referenza; jew
  - (b) dawk li waslu fil-post tar-residenza abitwali tagħhom tul it-12-il xahar qabel u fid-data ta' referenza, u li beħsiebhom jew jistennew li jibqgħu hemm għal ħafna mill-ħin għal mill-inqas 12-il xahar wara l-wasla;
- (3) "sinjali tal-ħajja" tfisser informazzjoni li tindika l-preżenza attwali u r-residenza abitwali ta' persuna fit-territorju ta' interess, *inkluż informazzjoni miksuba* mingħand *kwalunkwe* sors xieraq jew kombinament tagħhom, inkluż traċċi diġitali li jirrelataw mal-persuna;
- (4) ■
- (5) "migrazzjoni internazzjonali" tfisser l-avveniment biex persuna tistabbilixxi r-residenza abitwali tagħha fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz, u li qabel kienet abitwalment residenti fi Stat Membru jew pajjiż terz ieħor;

- (6) "immigrant" tfisser persuna li għaddiet minn migrazzjoni internazzjonali tul il-perjodu ta' referenza biex tistabbilixxi r-residenza abitwali l-ġdida tagħha fil-pajjiż tar-rapportar;
- (7) "migrant" tfisser persuna li għaddiet minn migrazzjoni internazzjonali tul il-perjodu ta' referenza biex tistabbilixxi r-residenza abitwali l-ġdida tagħha barra mill-pajjiż tar-rapportar, u li qabel kienet abitwalment residenti fil-pajjiż tar-rapportar;
- (8) "migrazzjoni interna" tfisser l-avveniment biex persuna tbiddel il-post tar-residenza abitwali tagħha fit-territorju tal-pajjiż tar-rapportar;
- (8a) "gruppi tal-popolazzjoni li huma diffiċli biex jintlaħqu" tfisser gruppi ta' individwi li għalihom jeżisti ostaklu reali jew perċepit għall-inklużjoni jew l-identifikazzjoni sħiħa u rappreżentattiva fil-ġbir ta' data statistika, jew minħabba nuqqas ta' kopertura tal-gruppi rispettivi, jew minħabba nuqqas ta' karatteristiċi speċifiċi biex jidentifikawhom;**
- (9) "*postijiet* tal-ġhajxien" tfisser struttura temporanja jew permanenti, post ta' kenn jew ta' alloġġ fejn tkun qed tgħix persuna waħda jew aktar, irrISPettivament minn jekk ikunx imfassal jew maħsub għall-abitazzjoni tal-bniedem;
- (10) ■ "*abitazzjonijiet* konvenzjonali" ***huma bini strutturalment separat u indipendenti f'postijiet fissi li huma mfasla għal abitazzjoni permanenti tal-bniedem u li fid-data ta' referenza huma:***
- (a) użati bħala residenza abitwali;**
- (b) mhux okkupati; jew**
- (c) użati bħala residenza sekondarja jew staġunali.**
- (x) "*bini separat*" tfisser bini mdawwar b'ħitan u mgħotti b'bejt jew saqaf b'tali mod li persuna waħda jew aktar ikunu jistgħu jirrisjedu hemmhekk indipendentement minn oħrajn;
- (xx) "*bini indipendenti*" tfisser bini b'aċċess dirett minn triq jew taraġ, passaġġ, kuritur jew art;
- (11) "bini maħsub għall-abitazzjoni" tfisser struttura permanenti magħmula minn abitazzjoni konvenzjonali waħda jew aktar, jew li hija maħsuba għal akkomodazzjoni istituzzjonali jew kollettiva.

- (12) "unità domestika" tfisser grupp ta' żewġ persuni jew aktar li jaqsmu post tal-ġhajxien ■ jew persuna individwali li ma tifformax parti minn unità domestika oħra;
- (12a) **"istituzzjoni"** tfisser **post tal-ġhajxien kollettiv għall-fini ta' abitazzjoni u ta' forniment ta' servizzi fit-tul meħtieġa għall-ħajja ta' kuljum lil grupp ta' persuni;**
- (13) "familja" tfisser grupp ta' żewġ persuni jew aktar li jgħixu ***l-biċċa l-kbira taż-żmien*** fl-istess unità domestika u li huma relatati bil-paternità jew bi sħubija matrimonjali, reġistrata jew unjoni konsenswali;
- (14) "rekords amministrattivi" tfisser data ġġenerata minn sors nonstatistiku, normalment reġistru ***miżmum*** minn korp pubbliku, li l-għan ewlieni tiegħu ma jkunx il-forniment tal-istatistika;
- (15) "dominju" tfisser sett wieħed jew aktar tad-data li jkopri suġġetti speċifiċi;
- (16) "suġġett" tfisser il-kontenut tal-informazzjoni li trid tinġabar dwar l-unitajiet statistiċi, u kull suġġett ikun ikopri għadd ta' suġġetti dettaljati;
- (17) "suġġett dettaljat" tfisser il-kontenut dettaljat tal-informazzjoni li trid tinġabar dwar l-unitajiet statistiċi relatati ma' suġġett, u kull suġġett dettaljat ikun ikopri varjabbli wieħed jew aktar;
- (18) "sett tad-data" ■ tfisser varjabbli aggregat wieħed jew aktar organizzati f'forma strutturata;
- (19) "ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni" tfisser is-settijiet tad-data u metadata dettaljati ta' għaxar snin li jridu jiġu pprovduti skont dan ir-Regolament;
- (20) "unità statistika" tfisser membru wieħed ta' univers ta' entitajiet, jiġifieri persuni, oġġetti jew avvenimenti li dwarhom tinġabar id-data u fl-aħħar mill-aħħar tiġi ■ kkompilata l-istatistika;
- (21) "varjabbli" tfisser karatteristika ta' unità statistika li jista' jkollha aktar minn sett wieħed ta' valuri;
- (22) "diżaggregazzjoni" tfisser sett ta' valuri predefiniti diskreti, eżawrjenti u reċiprokament esklużivi li jistgħu jiġu assenjati lil varjabbli li jikkarakterizzaw lil unitajiet statistiċi;
- (23) "livell nazzjonali" tfisser it-territorju ta' Stat Membru;
- (24) "livell reġjonali" tfisser il-livell NUTS3 kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003;

- (25) "livell lokali" tfisser il-livell tal-unità amministrattiva lokali ■ kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003;
- (26) "livell tal-grilja" tfisser grilja statistika kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003;
- (27) "oqfsa" tfisser lista, materjal jew apparat li jiddelimita u jidentifika l-elementi tal-popolazzjoni fil-mira **u**, skont l-użu, **jistgħu jippermettu** aċċess għal karatteristiċi addizzjonali tal-elementi u/jew **jipprovduhom**;
- (28) "data ta' referenza" tfisser il-mument tal-ħin li għalih tirreferi l-istatistika;
- (29) "perjodu ta' referenza" tfisser l-intervall taż-żmien li għalih tirreferi l-istatistika dwar l-avvenimenti;
- (30) "żmien ta' referenza" tfisser data ta' referenza jew perjodu ta' referenza, skont jekk l-istatistika tkunx dwar avvenimenti jew dwar unitajiet statistiċi oħra;
- (31) "metadata" tfisser informazzjoni meħtieġa biex l-istatistika tkun tista' tintuża u tiġi interpretata, u li tiddekrivi s-settijiet tad-data b'mod strutturat;
- (32) "settijiet tad-data verifikati minn qabel" tfisser settijiet tad-data verifikati mill-Istati Membri, abbażi ta' regoli komuni miftiehma ta' validazzjoni;
- (33) "rapport tal-kwalità" tfisser rapport li jagħti informazzjoni dwar il-kwalità ta' prodott jew proċess statistiku.

### Artikolu 3

#### Bażi tal-popolazzjoni

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-bażi tal-popolazzjoni tikkonsisti fil-persuni kollha li fid-data ta' referenza jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom fl-Unjoni f'unità territorjali speċifikata ta' Stat Membru fil-livell nazzjonali, reġjonali, lokali jew tal-grilja.
2. Il-bażi tal-popolazzjoni għandha tinkludi lill-persuni abitwalment residenti kollha, irrispettivament miċ-ċittadinanza jew minn jekk il-persuna hix jew kinitx qabel mingħajr Stat ■ .
3. Il-bażi tal-popolazzjoni għandha teskludi lill-persuni li jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom barra mit-territorju tal-Istat Membru irrispettivament mill-post tat-twelid jew taċ-

ċittadinanza, u irrISPettivament minn kull rabta familjari, soċjali, ekonomika jew ta' proprjetà li l-persuna jista' jkollha mal-Istat Membru.

4. Il-persuni mingħajr residenza abitwali għandhom jiġu attribwiti, bħala post tar-residenza abitwali, il-post fejn ikunu fid-data ta' referenza.
  5. L-Istati Membri għandhom japplikaw id-definizzjoni ta' residenza abitwali **prevista** f'dan ir-Regolament għas-settijiet tad-data kollha mogħtija lill-Kummissjoni (Eurostat) skont dan ir-Regolament u għal-livell nazzjonali, reġjonali, lokali u tal-grilja.
  6. Meta japplikaw id-definizzjoni ta' residenza abitwali, l-Istati Membri għandhom jużaw:
    - (a) sors tad-data wieħed jew kombinament ta' sorsi tad-data **msemmija** fl-Artikolu 9(1);
    - (b) metodi ta' stima bħal "sinjali tal-ħajja" **kif ukoll metodi ta' stima statistika oħrajn ibbażati fuq ix-xjenza, iddokumentati tajjeb u disponibbli pubblikament** biex jikkoreġu l-preżenza proprja fil-post preżunt tar-residenza abitwali għal ħafna miż-żmien tul it-12-il xahar sad-data ta' referenza, u ■ biex jiġi stmat l-għadd ta' persuni li jkun beħsiebhom jew jistennew li jibqgħu għal ħafna miż-żmien tul it-12-il xahar wara l-wasla.
- 6a. Għall-fini tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill dwar il-popolazzjoni totali tal-Istati Membri fi tmiem kull sena ta' referenza kif disponibbli fil-Kummissjoni (Eurostat) fil-31 ta' Awwissu tas-sena kalendarja ta' wara s-sena ta' referenza.**

#### Artikolu 4

#### Unitajiet statistiċi

L-istatistika skont dan ir-Regolament għandha tiġi kkompilata għall-unitajiet statistiċi li ġejjin:

- (a) persuni;
- (b) avvenimenti vitali;
- (c) familji;
- (d) unitajiet domestiċi;
- (e) binjiet maħsuba għall-abitazzjoni, postijiet tal-għajxien **inkluż istituzzjonijiet**, u abitazzjonijiet konvenzjonali.



Artikolu 5  
Rekwiżiti tal-istatistika

1. L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni għandha tkopri d-dominji li ġejjin:
  - (a) id-demografija
  - (b) l-akkomodazzjoni;
  - (c) il-familji u l-unitajiet domestiċi.
2. L-istatistika fid-dominji elenkati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi organizzata f'settijiet tad-data skont is-suġġetti u s-suġġetti dettaljati kif stabbilit fl-Anness. ***Meta l-unità statistika tkun persuna, is-settijiet tad-data għandhom jiġu diżaggregati skont il-ġeneru u l-età, u meta rilevanti skont karatteristiċi oħrajn.***
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 biex temenda l-lista tas-suġġetti dettaljati fl-Anness. Dawn l-atti delegati għandhom jiġu adottati mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu taż-żmien ta' referenza rilevanti.
4. Meta teżerċita s-setgħa li tadotta atti delegati skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawk l-atti ma jixħtux piż sinifikanti u sproporzjonat fuq l-Istati Membri u fuq ir-rispondenti tal-istħarriġ. Kull suġġett dettaljat għandu jiġi vvalutat fuq il-fattibbiltà tiegħu bi studji pilota mwettqa mill-Kummissjoni (Eurostat) u mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 14.
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-karatteristiċi tekniċi tas-settijiet tad-data u tal-metadata li jridu jingħataw lill-Kummissjoni (Eurostat). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw l-elementi tekniċi li ġejjin, meta xieraq:
  - (a) it-titoli tal-varjabbli, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u d-diżaggregazzjonijiet tagħhom;
  - (b) speċifikazzjonijiet dettaljati tal-unitajiet statistiċi u tal-metadata;
  - (c) il-klassifikazzjonijiet statistiċi li jridu jintużaw;
  - (d) l-iskadenzi tal-forniment;
  - (e) il-formati tekniċi tas-settijiet tad-data u l-forniment tal-metadata;

- (f) il-kontenut, l-istruttura, il-perjodiċità, il-modalitajiet u l-iskadenzi tal-forniment tar-rapporti tal-kwalità, u speċifikazzjonijiet oħra meta dawn ikunu meħtieġa u ġustifikati.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 18(2) mill-inqas 12-il xahar qabel ma jibda l-perjodu ta' referenza rilevanti, għajr għaċ-ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni li għalih l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati mill-inqas 24 xahar qabel ma tibda s-sena meta taħbat id-data ta' referenza.

## Artikolu 6

### Perjodiċità u żminijiet ta' referenza

1. L-Istati Membri għandhom jipproduċu statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni trimestrali, biannwali, annwali u pluriennali, u f'ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni ta' kull għaxar snin.
2. Is-snin li jintemmu b"1" għandhom ikunu s-snin ta' referenza għaċ-ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni ta' kull għaxar snin.
3. Is-snin li jintemmu bil-"1", bil-"5" u bit-"8" għandhom ikunu s-snin ta' referenza għall-istatistika pluriennali.
4. Il-perjodiċità u ż-żmien ta' referenza għal kull suġġett dettaljat għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness.
5. L-ewwel data ta' referenza li għaliha trid tingħata l-istatistika annwali dwar is-suġġett "stokkijiet tal-popolazzjoni" għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2025. L-ewwel żmien ta' referenza li għalih trid tingħata kull statistika oħra skont dan ir-Regolament għandu jkun fl-2026.
6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 biex temenda l-Anness billi taġġorna l-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza.

## Artikolu 7

### Rekwiżiti tal-istatistika ad hoc

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu settijiet tad-data ad hoc u metadata lill-Kummissjoni (Eurostat).

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 17 billi tispeċifika s-settijiet tad-data u l-metadata li jridu jagħtu l-Istati Membri fuq bażi ad hoc, meta l-ġbir ta' statistika addizzjonali ikun jitqies meħtieġ biex jiġu indirizzati ħtiġijiet statistiċi addizzjonali skont dan ir-Regolament, ***filwaqt li tagħti prijorità lis-sorsi tad-data u r-rekords amministrattivi li għandhom jintużaw għall-ġbir tad-data mitluba.***
3. L-atti delegati msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jispeċifikaw:
  - (a) is-suġġetti dettaljati li jridu jingħataw fis-settijiet tad-data ad hoc u r-raġunijiet għal dawn il-ħtiġijiet statistiċi addizzjonali;
  - (b) iż-żminijiet ta' referenza.
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati kif imsemmi fil-paragrafu 2 li jibdeu mis-sena ta' referenza 2027 u bi intervall minimu ta' sentejn bejn kull ġbir ad hoc.
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-proprjetajiet tekniċi tas-settijiet tad-data ad hoc u l-metadata imsemmija fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw l-elementi tekniċi li ġejjin, meta xieraq:
  - (a) it-titoli tal-varjabbli, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u d-diżaggregazzjonijiet tagħhom;
  - (b) speċifikazzjonijiet dettaljati tal-unitajiet statistiċi u tal-metadata;
  - (c) il-klassifikazzjonijiet statistiċi li jridu jintużaw;
  - (d) l-iskadenzi tal-forniment.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2) fi żmien 12-il xahar qabel jibda ż-żmien ta' referenza.

## Artikolu 8

### Settijiet tad-data u l-metadata li trid ***tiġi trażmessa lill-Kummissjoni***

1. L-Istati Membri għandhom ***jitrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat)*** settijiet tad-data u metadata verifikati minn qabel ***f'konformità mal-Anness*** bil-format tekniku speċifikat mill-Kummissjoni (Eurostat). Is-settijiet tad-data u l-metadata għandhom ***jiġu trażmessi*** lill-Kummissjoni (Eurostat) permezz tas-servizzi tal-punt uniku ta' dħul.

2. Meta l-Istati Membri jipubblikaw ***id-data*** meħtieġa minn dan ir-Regolament fil-livell nazzjonali qabel l-iskadenzi ***tat-trażmissjoni*** stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 5(5) u l-Artikolu 7(5), dawn għandhom jipprovduhom lill-Kummissjoni (Eurostat) ***mingħajr dewmien bla bżonn, mhux aktar tard minn 21 jum kalendarju mill-pubblikazzjoni nazzjonali.***
3. L-Istati Membri għandhom ***jitrażmettu*** lill-Kummissjoni (Eurostat):
  - (a) settijiet tad-data u metadata riveduti jekk tkun saret xi reviżjoni wara li jkunu ngħataw inizjalment is-settijiet tad-data meħtieġa skont dan ir-Regolament;
  - (b) settijiet tad-data u metadata riveduti għall-perjodu taż-żmien rilevanti jekk tkun saret xi reviżjoni fis-settijiet tad-data mogħtija lill-Kummissjoni (Eurostat) qabel l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Is-settijiet tad-data u l-metadata riveduti għandhom ***jigū trażmessi sa 14-il jum kalendarju mir-reviżjoni*** u jigū kkomplementati b'rapportar tal-kwalità skont l-Artikolu 12.

***L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe deċiżjoni biex jigū riveduti settijiet ta' data u metadata mingħajr dewmien bla bżonn.***

## Artikolu 9

### Sorsi ta' data u metodi

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat) għandhom jużaw sors wieħed tad-data jew kombinament tagħhom minn dawn li ġejjin, diment li dawn ikunu jippermettu l-produzzjoni ta' statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12:
  - (a) sorsi tad-data amministrattiva;
  - (b) sħarriġiet statistiċi jew ġbir ieħor tad-data statistika;
  - (c) sorsi oħra, inkluż data miżmuma privatament;
  - (d) l-użu mill-ġdid ta' data derivata mill-kondiviżjoni tad-data bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u l-Kummissjoni (Eurostat) fl-ESS.

2. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw u jimmonitorjaw il-kwalità tas-sorsi tad-data tagħhom, inkluż tar-rekords amministrattivi u sorsi xierqa oħra użati.
3. ***L-Istati Membri għandu jkollhom il-mira jżviluppaw kontinwament sorsi u metodi innovattivi u jużawhom biex itejbu l-istatistika miġbura skont dan ir-Regolament, dment li dawn ikunu jippermettu l-produzzjoni ta' statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12. ■***
4. L-istatistika miġbura skont dan ir-Regolament għandha tkun ibbażata fuq metodi statistikament sodi u dokumentati sew, filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali u l-aqwa Prattiki bħas-"sinjali tal-ħajja" ■ u metodi oħra ta' stima statistika bbażati fuq ix-xjenza użati għall-kompilazzjoni tal-popolazzjoni abitwalment residenti fl-Istati Membri.
5. ***Fuq talba debitament ġustifikata mill-Kummissjoni (Eurostat)***, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) ir-riżultati tal-valutazzjoni tas-sorsi tad-data, id-dokumentazzjoni tal-metodi u l-kjarifiki meħtieġa.

#### Artikolu 10

##### Aċċess fil-ħin u użu mill-ġdid tad-data amministrattiva

1. ***F'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009***, l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sorsi tad-data amministrattiva rilevanti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jippermettu l-użu mill-ġdid ta' din id-data fil-ħin u bi frekwenza biżżejjed biex jipproduċu u jissottomettu statistika sal-iskadenzi u konformi mar-rekwiżiti speċifiċi tal-kwalità skont dan ir-Regolament. ***L-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mir-rekords amministrattivi għandhom jistabbilixxu l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni meħtieġa għall-aċċess f'waqtu u mingħajr ħlas għal dawk ir-rekords.***
- 1a. ***Għall-fini tal-produzzjoni ta' statistika dwar is-suġġett dettaljat tal-karatteristiċi relatati mal-enerġija tal-bini, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika għandu jkollhom aċċess f'waqtu u regolari għall-bażijiet tad-data nazzjonali dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija skont id-Direttiva.../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>+</sup> u għandhom jitħallew jużaw mill-ġdid id-data amministrattiva minn dawk il-bażijiet tad-data.***
- 1b. ***Għall-fini tal-produzzjoni ta' analiżi tal-popolazzjoni skont il-ġeneru, l-istituti nazzjonali tal-istatistika għandhom jużaw l-informazzjoni disponibbli fis-sorsi ta' data amministrattiva nazzjonali.***

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument (2021/0426(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu, ***ir-referenza*** tal-ĠU u ***l-ELI*** ta' dik id-Direttiva fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha titħalla, meta titlob dan, taċċessa u terġa' tuża fil-ħin id-data u l-metadata rilevanti mill-bażijiet tad-data u s-sistemi tal-interoperabbiltà miżmuma mill-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, inkluż skont ir-Regolamenti (UE) Nru 910/2014, (UE) 2018/1724 u data statistika maħżuna fir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS). ***B'mod partikolari, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha taċċessa d-data mis-sistemi interoperabbli tal-IT fuq skala kbira (LSITs) fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mis-CRRS***, f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2019/817 u (UE) 2019/818 u mar-Regolamenti li jstabilixxu s-sistemi li d-data statistika tagħhom tinħażen fis-CRRS. Għaldaqstant, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tibqa' tikkoopera mal-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni biex tispeċifika d-data statistika u l-metadata personalizzati meħtieġa, meta possibbli skont il-liġijiet tal-Unjoni, għal statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, il-modalitajiet operazzjonali għall-forniment tagħha u s-salvagwardji fiżiċi u loġiċi meħtieġa li jakkumpanjawha.

#### Artikolu 11

##### Listi tal-pajjiżi u t-territorji

1. Meta s-settijiet tad-data jkunu jinkludu informazzjoni skont il-pajjiż jew it-territorju, l-Istati Membri għandhom jużaw diżaggregazzjonijiet speċifiċi għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (KE) Nru 862/2007.
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw jew jaġġornaw il-listi tal-pajjiżi u ***tat-territorji*** li għandhom japplikaw għad-diżaggregazzjoni tal-istatistika miġbura skont dan ir-Regolament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2) ta' dan ir-Regolament. ■
3. L-atti ta' implimentazzjoni li jemendaw aktar minn terz tal-kategoriji ta' diżaggregazzjoni tal-pajjiżi jew tat-territorji għandhom japplikaw mhux qabel 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tagħhom.

#### Artikolu 12

##### Rekwiżiti tal-kwalità u r-rapportar tal-kwalità

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-kwalità tas-settijiet tad-data u l-metadata ***trażmessi***.
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa u effettivi biex:

- (a) jimplimentaw ir-regoli relatati mal-bażi tal-popolazzjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 3, b'mod uniformi u indipendenti mis-sorsi tad-data użati;
- (b) jaqbd u jwarr jawn stima tal-gruppi tal-popolazzjoni li huma diffiċli biex jintlaħqu;
- (c) jikkontrollaw l-eżawrjenza u l-eżattezza tal-popolazzjoni koperta f'konformità mal-Artikolu 3;
- (d) jistabbilixxu oqfsa li huma validi għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/1700;
- (e) jevitaw riskji possibbli ta' qbiż jew ta' duplikar relatati mal-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni, l-aċċess tal-persuni għas-servizzi transfruntieri relatati mal-avvenimenti vitali, u d-drittijiet tal-persuna li tixtri proprjetà transfruntiera, u li tipossjedi u tuża proprjetà għall-akkomodazzjoni fl-Unjoni, ***pereżempju permezz tal-introduzzjoni ta' identifikaturi diġitali uniċi***;
- (f) ***jevitaw riskji possibbli ta' qbiż jew għadd doppju u jiżguraw komparabbiltà aħjar tal-flussi migratorji***;
- (g) jipprovdu d-data meħtieġa kollha lill-Kummissjoni (Eurostat) biex tiżgura l-kompletezza tal-istatistika Ewropea ppubblikata.

**2a. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tal-metadata dwar l-ispeċifikazzjonijiet, tad-data bil-ħsieb, fost l-oħrajn, li tippubblikaha b'mod faċli għall-utent fuq is-sit web tal-Kummissjoni (Eurostat).**

3. L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport tal-kwalità lill-Kummissjoni (Eurostat), għall-ewwel darba sal-31 ta' Marzu 2027 u mbagħad kull sena li tintemm biż-"0", bi "3" jew b""7", li jiddeskrivi l-kwalità tal-istatistika pprovdata u l-proċessi statistiċi għas-settijiet tad-data pprovdati tul il-perjodu. ***Dawk ir-rapporti ta' kwalità għandhom jinkludu informazzjoni*** dwar is-sorsi tad-data u l-metodi użati, l-applikazzjoni tal-kunċetti u d-definizzjonijiet u l-effetti possibbli relatati fuq il-kwalità tas-sorsi tad-data magħżula, ir-reviżjonijiet tad-data u r-raġunijiet u l-impatti tagħhom ***u l-metodi*** tal-kontroll tal-iżvelar statistiku. ***Ir-rapporti tal-kwalità għandhom jagħtu dettalji wkoll dwar kif l-Istati Membri applikaw il-miżuri*** msemmija fil-paragrafu 1 u kif ***għew issodisfati l-kriterji tal-kwalità*** msemmija fil-paragrafu 2.
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti prattiċi għar-rapporti tal-kwalità u l-kontenut tagħhom.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni *ma għandhomx jimponu piż jew spejjeż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri.*

Dawn għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).

- 4a. *Kwalunkwe adattament kbir previst minn tali atti ta' implimentazzjoni jista' jkun is-suġġett ta' appoġġ finanzjarju u tekniku skont l-Artikolu 15 jew deroga skont l-Artikolu 19(1a).*
5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw kemm jista' jkun malajr lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar kull informazzjoni jew bidla rilevanti b'rabta mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-istatistika pprovduta *u għandhom jieħdu azzjoni biex isolvu l-kwistjoni mingħajr dewmien bla bżonn.*
6. *Fuq talba debitament ġustifikata mill-Kummissjoni* (Eurostat), l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-kjarifiki addizzjonali meħtieġa biex tiġi evalwata l-kwalità *tal-informazzjoni statistika, bħar-riżultati tal-valutazzjoni tas-sorsi tad-data u d-dokumentazzjoni tal-metodi.*

### Artikolu 13

#### Kondiviżjoni tad-data

1. *L-għan tal-kondiviżjoni tad-data bejn l-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra fil-lista msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 (awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika), u bejn dawk l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u l-Kummissjoni (Eurostat), għandhom ikunu esklużivament għall-finijiet ta' żvilupp u produzzjoni tal-istatistika Ewropea li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u* ■ *biex titjieb il-kwalità tagħha.*
2. Fl-interess tal-kondiviżjoni sigura tad-data fl-ESS, għandhom jittieħdu s-salvagwardji kollha meħtieġa *inkluż infrastruttura sigura għall-kondiviżjoni tad-data* b'rabta mal-protezzjoni fiżika, *teknika* u loġika tad-data. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tistabbilixxi infrastruttura sigura biex tiffaċilita l-kondiviżjoni tad-data msemmija fil-paragrafu 1. ■ *L-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jistgħu jużaw din l-infrastruttura sigura għall-kondiviżjoni tad-data għall-finijiet speċifikati fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni (Eurostat) u l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika li jużaw din l-*



infrastruttura sigura għall-kondiviżjoni tad-data ***għall-ipproċessar ta' data personali f'konformità mal-paragrafu 3 għandhom jitqiesu bħala kontrolluri konġunti għall-ipproċessar ta' data personali fl-infrastruttura sigura għall-kondiviżjoni tad-data. Fil-każ li l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jużaw infrastruttura oħra għall-kondiviżjoni tad-data, huma għandhom jiżguraw li tali infrastruttura tipprevedi tal-anqas sigurtà ekwivalenti għal dik stabbilita mill-Kummissjoni (Eurostat).***

3. Meta d-data kkonċernata tkun data kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(7) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 jew data personali skont ir-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725, il-kondiviżjoni ta' dik id-data ■ tista' ssir b'mod volontarju diment li tkun:

- (a) ibbażata fuq talba li tiġġustifika l-ħtieġa li d-data tiġi kondiviża f'kull każ individwali, b'mod partikolari b'rabta ma' kwistjonijiet tal-kwalità li jridu jiġu indirizzati speċifikament;
- (b) ibbażata ■ fuq teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza u mfassla speċifikament biex jimplimentaw il-prinċipji tar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725, b'attenzjoni partikolari għal-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-data, il-limitazzjoni tal-ħżin, l-integrità u l-kunfidenzjalità;
- (c) mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

***3a. Għall-fini tal-kondiviżjoni tad-data msemmija fil-paragrafu 1, id-data mhux kunfidenzjali għandha tiġi kondiviża bejn l-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra ta' Stati Membri differenti u bejn dawn l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u l-Kummissjoni (Eurostat).***

4. Il-Kummissjoni (Eurostat) u l-Istati Membri għandhom iwettqu studji pilota biex jittestjaw u jivvalutaw ***l-infrastruttura għat-teknoloġiji*** rilevanti li jtejbju l-privatezza fil-kondiviżjoni tad-data, ***u l-adegwatezza tagħhom.***

5. Meta l-istudji pilota mwettqa skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jidentifikaw soluzzjonijiet effettivi u siguri għall-kondiviżjoni tad-data għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi għall-kondiviżjoni tad-data u miżuri għall-kunfidenzjalità u s-sigurtà tal-informazzjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).

## Artikolu 14

### Studji pilota u tal-fattibbiltà

1. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, meta meħtieġ u xieraq għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tnedi studji pilota u tal-fattibbiltà bil-għan li:
  - (a) tivvaluta d-disponibbiltà tas-sorsi tad-data u l-kwalità tagħhom, inkluż ta' data miżmuma pubblikament u privatament fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni;
  - (b) tiżviluppa u tivvaluta l-fattibbiltà tal-implimentazzjoni ta' **■** suġġetti dettaljati, unitajiet statistiċi, varjabbli ġodda u d-diżaggregazzjoniet tagħhom;
  - (ba) tivvaluta d-disponibbiltà tas-sorsi tad-data u ttejjeb il-metodi għall-għoti ta' statistika dwar id-diżabbiltà ta' persuni u tittestja l-istatistika ta' diżaggregazzjoni, inkluża l-komparabbiltà tagħha, f'konformità mad-dritt nazzjonali u l-prattika dwar il-protezzjoni tad-data u l-kontroll tad-divulgazzjoni;**
  - (c) tiżviluppa metodoloġiji u tekniki statistiċi ġodda biex issaħħaħ il-kwalità **u ttejjeb l-informazzjoni dwar il-popolazzjonijiet diffiċli biex jintlaħqu;**
  - (d) tnaqqas **id-diskrepanzi fid-data** tal-flussi migratorji **u tiżgura l-komparabbiltà aħjar tagħhom;**
  - (da) tnaqqas l-għadd baxx jew l-għadd doppju tan-nies possibbli;**
  - (e) tittestja u tivvaluta **l-infrastruttura għat-teknoloġiji** rilevanti li jsaħħu l-privatezza għal kondiviżjoni sigura tad-data fl-ESS f'konformità mal-Artikolu 13(4), **u l-adeqwatezza tagħhom.**
2. L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw f'dawk l-istudji iżda, flimkien mal-Kummissjoni (Eurostat), għandhom jiżguraw ir-rappreżentattività ta' dawk l-istudji fil-livell tal-Unjoni.
3. Ir-riżultati ta' dawk l-istudji għandhom jiġu evalwati mill-Kummissjoni (Eurostat) b'kooperazzjoni mal-Istati Membri. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tħejji rapporti b'kooperazzjoni mal-Istati Membri dwar is-sejbiet ta' dawk l-istudji.

## Artikolu 15

### Finanzjament

1. ***Fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha ssir disponibbli mill-Programm tas-Suq Uniku stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 2021/690, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, lill-awtoritajiet nazzjonali l-oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għal:***
  - (a) ***adattamenti tal-infrastruttura u taħriġ fis-sistema nazzjonali tal-istatistika għall-iżvilupp*** u l-implimentazzjoni ta' sorsi tad-data, metodoloġiji, kondiviżjoni tad-data, unitajiet statistiċi, suġġetti, suġġetti dettaljati, varjabbli ġodda jew imtejba, u d-diżaggregazzjonijiet tagħhom
  - (aa) ***it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-ġbir tad-data ad hoc kif imsemmi fl-Artikolu 7;***
  - (b) ***il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fi studji pilota u tal-fattibbiltà rappreżentattivi msemmija fl-Artikolu 14.***
- 1a. ***L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni magħmula disponibbli skont dan l-Artikolu għandu jiġi stabbilit f'konformità mar-regoli tal-Programm tas-Suq Uniku bħala parti mill-proċedura baġitarja annwali, soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.***

***Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika kif imsemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 jistgħu japplikaw għal appoġġ minn programmi finanzjarji applikabbli oħrajn tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-regoli ta' programmi bħal dawn. L-Istati Membri jistgħu japplikaw ukoll għall-appoġġ mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku biex itejbu l-kwalità tal-istatistika u jiżviluppaw metodoloġiji skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament f'konformità mar-regoli tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u l-objettiv tiegħu li jrawwem il-produzzjoni, il-forniment u l-monitoraġġ tal-kwalità tad-data u tal-istatistika.***
2. ***Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandhiex taqbeż id-90 % tal-kostijiet eliġibbli.***

#### Aritkolu 16

#### Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Meta pajjiż terz jipparteċipa fl-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament b'deċiżjoni adottata skont ftehim internazzjonali jew abbażi ta' xi strument ġuridiku ieħor, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa biex l-uffiċjal awtorizzatorju responsabbli, l-Uffiċċju Ewropew ta'

Kontra l-Frodi (OLAF), il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-UPPE jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv. Fil-każ tal-OLAF, dawn id-drittijiet għandhom jinkludu d-dritt li jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

## Artikolu 17

### Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikoli 5(3), 6(6) u 7(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal żmien indefinit li jibda minn [OP: please insert the date of entry into force of this Regulation].
3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikoli 5(3), 6(6) u 7(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti deżinjati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ***u għandha iżomm lill-Parlament Ewropew infurmat dwar il-ħidma preparatorja tiegħu*** .
5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 5(3), 6(6) u 7(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma ssirx oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. B'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn.

Artikolu 18  
Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) stabbilit mill-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 19  
Derogi

1. Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun teżiġi xi adattamenti kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tagħti derogi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, *lil dak l-Istat* Membru, għal żmien massimu ta' *seba'* snin.
  - 1a. Meta l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament jirrikjedu li jsiru adattamenti kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tagħti, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, derogi lil dak l-Istat Membru, għal perjodu massimu ta' tliet snin.**
2. Meta tagħti d-derogi skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tqis il-komparabbiltà tal-istatistika tal-Istat Membri u l-kalkolu fil-ħin tal-aggregati Ewropej rappreżentattivi u affidabbli meħtieġa. Meta tagħti dawk id-derogi, il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li r-rekwiżiti relatati mal-istatistika, mal-metadata u mal-kwalità koperti minn dan ir-Regolament u li qabel kienu koperti mir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 jew mill-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 jissoktaw bla interruzzjoni.
3. L-Istat Membru għandu jippreżenta talba debitament ġustifikata għal deroga lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ikkonċernat.
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti ta' implementazzjoni msemmija *fil-paragrafi 1, 1a u 3* ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).

## Artikolu 20

### Emendi għar-Regolament (KE) Nru 862/2007

Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 huwa emendat kif ġej:

- (1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej: "Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Ewropea dwar il-proċeduri tal-ażil u dwar il-proċeduri amministrattivi u ġuridiċi relatati mal-leġiżlazzjoni dwar l-immigrazzjoni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 311/76 dwar il-kompilazzjoni ta' statistika dwar ħaddiema barranin";
- (2) fl-Artikolu 1, il-punti (a) u (b) jitħassru;
- (3) fl-Artikolu 2(1), jitħassru l-punti (a), (b), (c), (f) u (g);

**(3a) fl-Artikolu 2(1), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:**

**"(d) "ċittadinanza" tfisser ċittadinanza kif definita fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) .../... tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>+</sup>";**

- (4) l-Artikolu 3 jitħassar;
- (5) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 9c

Aċċess fil-ħin għal u użu mill-ġdid tad-data amministrattiva

1. ***F'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009***, l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sorsi tad-data amministrattiva rilevanti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jippermettu l-użu mill-ġdid ta' dik id-data fil-ħin u soġġett għal frekwenza biżżejjed biex jipproduċu u jissottomettu statistika sal-iskadenzi u f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi tal-kwalità skont dan ir-Regolament. ***L-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mir-rekords amministrattivi għandhom jistabbilixxu l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni meħtieġa għall-aċċess għal dawg ir-rekords fil-ħin, mingħajr ħlas.***

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument 2023/0008(COD) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha titħalla, meta titlob dan, taċċessa u terġa' tuża fil-ħin id-data u l-metadata rilevanti mill-bażijiet tad-data u s-sistemi tal-interoperabbiltà miżmuma mill-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, inkluż skont ir-Regolamenti (UE) Nru 910/2014, (UE) 2018/1724 u data statistika maħżuna fir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS). ***B'mod partikolari, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha taċċessa d-data mis-sistemi interoperabbli tal-IT fuq Skala Kbira (LSITs) fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mis-CRRS*** f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2019/817 u (UE) 2019/818 u mar-Regolamenti li jstabilixxu s-sistemi li d-data statistika tagħhom tinħażen fis-CRRS. Għaldaqstant, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tibqa' tikkoopera mal-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni biex tispeċifika d-data statistika u l-metadata personalizzati meħtieġa, meta possibbli skont il-liġijiet tal-Unjoni, għal statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, il-modalitajiet operazzjonali għall-forniment tagħha u s-salvagwardji fiżiċi u loġiċi meħtieġa li jakkumpanjawha."

(6) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 10a

Listi tal-pajjiżi u t-territorji

Il-listi tal-pajjiżi u t-territorji msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) .../...<sup>\*+</sup> għandhom jiġu applikati għall-kompilazzjoni tal-istatistika skont dan ir-Regolament biex tkun żgurata l-komparabbiltà tad-dettalji speċifiċi għall-pajjiżi u għat-territorji fl-istatistika Ewropea kollha. L-Istati Membri għandhom japplikaw dawn il-listi għall-ewwel darba biex jikkompilaw l-istatistika dovuta skont dan ir-Regolament li tibda bit-trażmissjonijiet tad-data għas-sena ta' referenza 2026.

---

\* Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013 (ĠU ...)."

---

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument (2023/0008(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

## Artikolu 21

### Revoka

Ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013 huma revokati b'effett mill-1 ta' Jannar 2026 mingħajr preġudizzju għall-obbligi stabbiliti f'dawk l-atti legali b'rabta mal-perjodi ta' referenza li jaħbtu, kompletament jew parzjalment, qabel dik id-data.

Referenzi għar-Regolamenti mħassra għandhom jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

## Artikolu 22

### Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*Il-President*



**ANNES**

**Dominji, suġġetti u suġġetti dettaljati bil-perjodiċità u biż-żmien ta' referenza għal kull suġġett dettaljat**

<b>Dominju</b>	<b>Suġġett</b>	<b>Suġġett dettaljat</b>	<b>Perjodiċità</b>	<b>Żmien ta' referenza (data jew perjodu)</b>
Demografija	Stokkijiet tal-popolazzjoni	Il-karatteristiċi bażiċi tal-persuna	6M	30.6.SS u 31.12.SS
			A	31.12.SS
			MA	31.12.SS
			D	31.12.SS
		Il-karatteristiċi soċjoekonomiċi tal-persuna	A	31.12.SS
			MA	31.12.SS
			D	31.12.SS
		Fertilità	Twelidijiet	Q
	A			Sena
	Aborti kkawżati legalment <sup>1</sup>		A	Sena
	Mortalità	Imwriet	Q	Xahar, Ġimgħa
			A	Sena
		Imwriet tat-trabi	A	Sena
		Imwriet tal-fetu tard	A	Sena
	Unjonijiet	Żwiġijiet u unjonijiet reġistrati	A	Sena
		Karatteristiċi tal-persuni li jidħlu fiż-żwieġ jew f'unjoni reġistrata	A	Sena
	Divorzji u unjonijiet reġistrati mitmuma	A	Sena	
	Migrazzjoni	Immigranti	Q	Xahar

Dominju	Suġġett	Suġġett dettaljat	Perjodiċità	Żmien ta' referenza (data jew perjodu)
			A	Sena
		Emigranti	<i>Q</i>	<i>Xahar</i>
			A	Sena
		Migrazzjoni interna	A	Sena
	Ksib u telf taċ-ċittadinanza tal-Istati Membri tal-UE u tal-Unjoni	Persuni li kisbu ċ-ċittadinanza	A	Sena
		Persuni li tilfu/irrinunzjaw iċ-ċittadinanza	A	Sena
	Akkomodazzjoni	Postijiet tal-ġhajxien	Karatteristiċi tal-postijiet tal-ġhajxien	D
Abitazzjonijiet konvenzjonali		Karatteristiċi bażiċi tal-bini	MA	31.12.SS
			D	31.12.SS
		Karatteristiċi tal-bini relatati mal-enerġija	MA (A mill-2031 'il quddiem)	31.12.SS
			D	31.12.SS
Abitazzjonijiet konvenzjonali okkupati		Karatteristiċi tal-abitazzjonijiet konvenzjonali okkupati	D	31.12.SS
		Użu tal-abitazzjonijiet konvenzjonali okkupati	D	31.12.SS
Familji u unitajiet domestiċi		Familji	Karatteristiċi tal-familja	D
	Unitajiet Domestiċi	Karatteristiċi tal-unità domestika	A	31.12.SS
			MA	31.12.SS
		Is-sitwazzjoni tal-unità domestika tal-	A	31.12.SS

Dominju	Suġġett	Suġġett dettaljat persuna	Perjodiċità	Żmien ta' referenza (data jew perjodu)
			D	31.12.SS
_____				
1 Din tingħata b'mod volontarju.				

### Didaskalija

Perjodiċità	
Trimestrali	Q
Kull 6 xhur	6M
Annwali	A
Pluriennali (snin li jintemmu bil-"1", bil-"5", bit-"8")	MA
Kull għaxar snin (snin li jispiċċaw bil-"1")	D